SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 15-20**

**25 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato - Kunsilliera
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Frederick Cutajar – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill sellem il-memorja tas-Sinjura Mary Anne Cutajar li tiġi omm il-Viċi Sindku, s-Sur Frederick Cutajar, li mietet nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju 2020.

**15.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qalet li s-Sur Frederick Cutajar ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba luttu fil-familja.

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 14-20**

**15.2.1** ***Korrezzjoni***

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li fil-laqgħa preċedenti kien tkellem dwar ir-*road humps* f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta kienet infurmata u għandu jintbgħat *ġentle reminder* f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li kien tkellem fuq *speed humps* f'Triq Katerina Vitale. Is-Sindku qalet li ma jistgħux isiru għalissa għax iwaqqfu t-*traffic*.

**15.2.2** Il-minuti ġew approvati wara proposta tal-Kunsillier Terrence Ellul issekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato.

**15.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**15.3.1 Approvazzjoni għal xiri ta' lanterni għal Ġnien is-Serenita'**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-manutenzjoni tal-lampi fil-kuruturi tal-Ġnien li tammonta għas-somma ta' €650.00 u li tkopri il-*labour works*. Il-materjal għandu jinxtara mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Terrence Ellul ikkummenta dwar xi nuqqasijiet li hemm fil-Ġnien. Huwa semma d-dwal li saru fil-funtana li ma sarux bil-kulur u qal li l-funtana vojta. Huwa kompla jgħid li l-pompi huma mitfijin u l-pompa *submersible* li xtara l-Kunsill ma taħdimx. Dwar il-pompa is-Sindku qaltlu li hu kellu jitkellem mal-Inġinier iżda ma kelliex risposta. Dwar Pjazza

Dorell huwa qal li l-*floodlights* ma ġewx tajbin u dwar dan qamet diskussjoni. Il-Kunsillier Ellul qal ukoll li fi Pjazza 7 ta' Lulju hemm globi mkissrin.

**15.3.2** ***Approvazzjoni ta' kwotazzjoni dwar żbir ta' siġar***

Is-Sindku qalet li peress li l-kuntratt tal-Parks and Gardens għadu fi stadju ta' evalwazzjoni, il-Kunsill ġab kwotazzjoni għal żbir ta' numru ta' siġar f'diversi areas. Hija qalet li l-ispiża tammonta għas-somma ta' €1062.00 Vat inkluż. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

**15.3.3** ***Management Letter***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill kien irċieva l-Management Letter dwar l-awditjar għas-sena 2019 u qalet li flimkien mal-*accountant* tal-Kunsill ser tħejja it-tweġiba għall-Management Letter u ser tressaqha għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**15.3.4** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM15-20 għall-perjodu bejn id-19 ta' Mejju 2020 sat-23 ta' Ġunju 2020 u minn cheque numru BOV 8120 sa cheque numru BOV 8167.

**15.4** ***Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2020***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju li jkopri l-ewwel kwart tas-sena 2020 minn l-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Marzu 2020. Hija qrat l-*overview* ta' dan ir-rapport u qalet li l-*Accountant* tal-Kunsill tinsab preżenti għal din il-laqgħa biex tagħti rendikont tas-sitwazzjoni finanazjarja tal-Kunsill fl-ewwel kwart ta' din is-sena. L-*Accountant* tal-Kunsill qalet li l-Kunsill għalaq dan il-perjodu bi *break-even*. Hija qalet li d-*depreciation* tammonta għas-somma ta' €20,729.00 u l-FSI huwa ta' 53%. Hija qalet li bħala *fixed assets* f'dan il-perjodu kien hemm il-lampi ġodda li saru fi Pjazza Dorell. Mistoqsija dwar l-ammont għoli ta' *depreciation* hija qalet li din issa tibda tonqos bil-mod. Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat fuq proposta tas-Sindku sekondata mill-Kunsillier Terrence Ellul.

## 15.5 Kommunikazzjonijiet

### 11.5.1 *Uprooting ta' siġar fi Triq Maria De Domenicis*

Is-Sindku irreferit għal tlett siġriet li ġew *uprooted* fi Triq Maria De Domenicis. Hija tkellmet fuq ix-xogħol involut biex tiġi *reinstated* il-bankina f'din it-triq. Is-Sindku ippreżentat stima ta' xogħol li jammonta għas-somma ta' 12,000.00euro. Hija qalet li din l-istima hija maqsuma f'żewġ partijiet, waħda tkopri l-parti tal-bankina fejn kien hemm is-siġar u l-parti tal-istima l-oħra tkopri l-ispiża nvoluta biex issir il-kumplament tal-bankina. Hija spjegat li l-istima tinkludi wkoll it-tneħħija tar-rampa eżistenti u il-kostruzzjoni ta' rampa aktar baxxa minn dik li hemm preżentament. Is-Sindku ressqet proposta biex fil-parti l-wiesa tal-bankina isiru ħames *slanting parking bays*. Saret diskussjoni dwar din il-proposta u l-Kunsillier Sciberras qajjem xi punti għala ma jaqbilx ma din il-proposta. Huwa qal li peress li huma *slanting* dawn il-*parking bays* ser jidħlu viċin wisq tal-gallarija ta' appartament li hemm f'din l-*area*. Huwa qal dawn ser jiġu viċin id-dawra u meta tirriversja biex toħroġ issib karrozza warajk. Fl-argument tiegħu qal ukoll li ser jintmiss *open space* u ser inkunu qed ninċentivaw l-għass. Il-Kunsillier Sciberras qal ukoll li ser tinħoloq diffikulta għal min juża l-*wheelchair*. Il-Kunsilliera D'Amato qalet li hi taqbel ma' dawn il-punti. Ġie deċiż li għandu jiġi ikkonsultat il-perit u l-Kunsill għandu jara jekk hemmx bżonn il-permessi tal-Awtoritajiet biex tinbidel il-*layout* ta' bankina. Id-diskussjoni kompliet u ġie nutat li fi Triq l-Għansar hemm fejn issir *parking bay* għal karozza u oħra għal mutur. Ġie innutat ukoll li jistgħu jsiru żewġ *parking bays* oħra fi Triq Dun M. Mifsud. Rigward il-*parking area* ta' fejn il-Knisja, l-Kunsill qabel li dan qiegħed fuq art pubblika u qed jinżamm magħluq. Ġie deċiż li għandha tintbgħat ittra lill-kappillan li għandha tiġi ikkupjata wkoll lill-Kurja.

### 15.5.2 *Estenzjoni tal-Jogging Track*

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-proposta biex issir estenzjoni tal-Jogging Track kienet approvata minn Infrastructure Malta. Hija qalet li t-*track* ser tiżdied bi tlett mitt metru oħra u ser issir *zebra crossing* fejn qabel kien hemm it-triq li kienet tagħti għal-ħruġ fuq Xintill Roundabout. Hija qalet ukoll li ser jintuża materjal bħal dak li użat Sports Malta il-Jogging Track jew isir *green tarmac* apposta. Is-Sindku qalet li ser ikun qed jiżdied ħafna dawl fl-*area*.

**15.5.3** ***Jum Santa Luċija u Ġieħ Santa Luċija***

Is-Sindku rreferit għall-attivitajiet marbuta ma' Jum Santa Luċija u saret diskussjoni f'dan ir-rigward. Ġie deċiż li għandha issir quddiesa ta' ringrazzjament nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2020 u wara dawk preżenti jiġu mistiedna jiltaqgħu mal-Kunsill fi Pjazza 7 ta' Lulju għal bibita'.

Il-Kunsill qabel ukoll li minħabba fiċ-ċirkustanzi tal-pandemija tal-Covid 19, din is-sena Ġieħ Santa Luċija għandu jingħata fl-okkazjoni tal-festa ta' Santa Luċija fit-13 ta' Diċembru 2020. Ġie nutat li l-Kunsill għandu jikkunsidra in-nominazzjonijiet pendenti għal dan l-unur li kienu saru fis-sena 2019.

**15.5.4** ***Talba biex titneħħa lampa fuq bracket fi Triq il-Fortizza***

Is-Sindku ressqet talba biex titneħħa b'mod permanenti lampa fuq *bracket* li hemm ma faċċata ta' dar fi Triq il-Fortizza. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li din il-lampa għandha titneħħa b'mod temporarju sakemm isir ix-xogħol fuq il-faċċata ta' din id-dar u terġa tiġi *reinstated* fejn kienet. Is-Sindku qalet li ser tinforma lir-resident bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

**15.5.5** ***LC Care Scheme***

Is-Sindku semmiet l-iskema ta' LC Care u qalet li l-Kunsill qed jirċievi ħafna telefonati mill-*cat feeders* dwar kif ser tiġi implementata din l-iskema. Ġie deċiż li l-Kunsilliera responsabbli min din l-iskema għandhom isejħu laqgħa għal *cat feeders* u jisimgħu l-bżonnijiet tagħhom.

**15.5.6** ***Direttiva 3-2020 Kwestjonarju***

Il-Kunsill iddiskuta kwestjonarju li nbgħat mid-Dipartiment Għal Gvern Lokali li kien jittratta il-mezz *online* użat biex isiru l-laqgħat tal-Kunsill waqt il-pandemija tal-Covid 19. Il-Kunsill iddiskuta dan il-kwestjonarju u qabel dwar it-tweġibiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

**15.5.7** ***SLOW STREETS PROJECTS***

Is-Sindku irreferit għal proġett Slow Streets u ipproponiet li titwessa l-bankina f'Dawret it-Torri jew fi Triq Gardenja quddiem Pjazza Dorell u ssir bil-*cobbles*.

**15.5.8** ***Garanzija Bankarja għal użu ta' Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku irreferit għall-applikazzjoni għal użu ta' parti minn Ġnien is-Serenita' bħala *venue* għal tieġ ta'mhux anqas minn ħamsin ruħ. Hija qalet li skond il-Bye-Laws il-Kunsill irid jiddeċiedi fuq il-garanzija bankarja. Il-Kunsill qabel li f'dan il-każ il-garanzija bankarja għandha tkun ta' elf ewro. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni biex jintużaw Chinese Flying Lanterns waqt dan it-tieġ.

**15.5.9** ***Talba għall-użu tal-5-a-side Football Pitch***

Il-Kunsillier Terrence Ellul qal li qed issir talba għall-użu tal-*5-a-side* biex isir taħriġ għat-tfal minn *coach* tal-*football*. Huwa qal li bħala kumpens dan il-*coach* lest li jħarreġ tfal minn Santa Luċija mingħajr ħlas fix-xahar ta' Awissu. Ġie deċiż li din it-talba għandha ssir bil-miktub permess ta' *e-mail*.

**15.5.10** ***Talba għall-użu ta' Ġnien is-Serenita' għall-lezzjonijiet tal-aerobics***

Il-Kunsill iddiskuta talbiet għal-użu ta'Ġnien is-Serenita' għall-lezzjonijiet tal-*aerobics*, *yoga* etc. Ġie deċiż li l-ħlas għandu jkun ta' ħamsa u għoxrin euro kull darba li jintuża l-ġnien.

**15.5.11** ***Tneħħija tal-fencing ta' area f'Wied Garnaw***

Is-Sindku ipproponiet li jitneħħa l-*fencing* tal-ħadid u xibka li hemm f'Wied Garnaw. Hija qalet li din l-*area* qed tiġi abbużata minn rimi ta' skart goff li qed jintrema b'mod illegali. Hija qalet li dan il-*fencing* għandu jitneħħa u l-*area* titnaddaf u tiġi *landscaped* biex tkun tista tintuża bħala *open space* għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**15.12** ***Community Work Scheme***

Is-Sindku qalet li wieħed mill-ħaddiema taħt l-iskema hawn fuq imsemmija bħalissa qed iwettaq *skilled work* li jirrikjedi ħafna impenn u dedikazzjoni. Hija ipproponiet li dan il-ħaddiem jiġi ikkupensat bl-ammont ta' mitt ewro fix-xahar għal dan ix-xogħol li qed iwettaq. Hija qalet li din il-proposta għandha tapplika għal żmien temporanju. Saret diskussjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku qalet li ser tkun responsabbli għal din il-proposta.

**15.5.13** ***Ħarġa għall-Għawdex***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ser tiġi organizzata ġurnata għall-Għawdex għar-residenti nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2020.

**15.5.14** ***Summer Courses for Kids***

Is-Sindku inkarigat lill-Kunsilliera Kylie D'Amato mill-proposta ta' TCTC dwar *courses* għat-tfal waqt ix-xhur tas-Sajf.

**15.5.15** ***Ilmenti u suġġerimenti mir-residenti***

- Fir-rigward ta' talba li saret biex isir *rail* fejn it-turġien fi Triq Tursin il-Bir ħdejn Blk A Bieb B is-Sindku ser tara *on site*.

- Fir-rigward ta' talba biex titneħħa is-*sleeping police* li hemm f'Dawret it-Torri quddiem il-knisja, is-Sindku qalet li diġa kienet kellmet li dan ir-resident dwar din il-proposta.

- Fir-rigward ta' talba biex jiġu *reinstated* is-*sleeping policemen* f'Dawret it-Torri, s-Sindku qalet li dawn ser isiru ġodda.

**15.6** **Business Plan 2020-2025**

Il-Kunsill qabel li din l-*item* tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**15.7** ***Rapporti***

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

- Playing Field Risk Assesment
- Risk Assessment tal-uffiċċju tal-Kunsill – *review* tar-*risk assesment* 2017
- Memo SLLC 15-2020 – Zumba Classes
- Memo SLLC 16-2020 – Xiri ta' Power Wash
- Memo SLLC 17-2020 – Xiri ta' Pjanti għaċ-Ċentru ta' l-Anzjani ta' Matul il-Jum
- Memo SLLC 18-2020 – Kwotazzjoni fuq xogħol temporarju ta' żamma ta' *soft areas* f'Santa Luċija
- Memo SLLC 19-2020 – Talba għal użu ta' Ġnien is-Serenita' miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż.

**15.8 SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u Soft Areas fil-Lokalita' ta' Santa Luċija – rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li r-rapport ta' evalwazzjoni ma setax jitressaq minħabba li l-evalwazzjoni ta' din l-offerta għadha mhix konkluża. Hija saħqet fuq l-importanza li issir l-evalwazzjoni *online* ħalli l-Kunsill ikun jista jipproċedi bil-proċess biex tiġi *awarded* din is-sejħa.

**15.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Il-Kunsill qabel li l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera jiġu mwieġba fil-laqgħa li jmiss għax kien sar il-ħin.

**15.10 *Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju fil-5.00p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |